MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 162/2004

**Avviz numru 162/04DM**

**Frankit Limited**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm2,690.52) kwantu ghal elfejn, mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm2,155.52) bhala l-bilanc tal-prezz ta' zewg vetturi bil-mutur bin-numri tar-registrazzjoni rispettivi taghhom JBF 429 u IBG 919 mibjugha u konsenjati lill-konvenut, u kwantu ghal hames mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm535), import ta' tnejn u tletin (32) multa, inflitti minn

Tribunali Lokali Diversi fuq is-socjeta' attrici bhala s-sid registrat tal-vetturi *de quo* ghal diversi kontravenzjonijiet kommessi mill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult, tal-mandat ta' Sekwestru 478/04, tal-mandat ta' Qbid numru 479/04 u bl-imghaxijiet skond il-ligi, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Frank Tonna prodott mill-kumpanija attrici, ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, sitt mija u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm2,690.52) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Marzu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------